MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru 332/2014

**Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Daniel Damato**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Daniel Damato ta' 29 sena, bin Mario u Sandra Anne nee' Walton, mwieled fit-28 ta' Awwissu 1984 Pieta', residenti 71, Mary, Flat 2, Triq ir- Rebha, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 422684M ;

Talli;

1) Nhar it- 22 ta' Marzu 2014 bejn it- 08.30hrs u l- 10.00hrs gewwa Triq Hal- Qormi, Hamrun hebb ghal Joachim Spagnol u kkagunalu offizi gravi;
2) Akkuzat talli fl- istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil Joachim Spagnol b' mod li hareg barra mil- limit ital- provokazzjoni;
3) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bl- imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Joachim Spangol, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta' taghha;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fid-data u l-hin indikati, l-imputat kien ghamel rapport lill-Pulizija li kien hemm persuna qed taghti fastidju lit-tfajla tieghu barra l-hanut fejn kienet tahdem hi. Il-Pulizija marret fuq il-post, izda ma sabet xejn. Ftit kantunieri boghod, izda, sabet lil certu Joachim Spagnol bid-demm f'halqu u b'katina tal-hadid f'idejh, qed jigi

mizmum minn zewg ufficjali ohra tal-Pulizija, jipprova jagredixxi lill-imputat. Il-griehi li sofra Spagnol gie allegat li ghamilhom l-imputat, ghalhekk ittiehdu proceduri kontra tieghu u kontra Spagnol.

Mill-provi rrisulta li Spagnol ghazel li ma jixhedx f'din il-kawza, peress illi kellu proceduri pendenti kontra tieghu. Fl-assenza tax-xiehda tieghu, il-Qorti ma tistax tikkonkludi kienx l-imputat li aggredixxa lil Spagnol. Inoltre, mid-dinamika tal-incident kif xehdu fuqu l-Ufficjali tal-Pulizija li assistew fuk il-lok tal-incident, kien Spagnol li pprovoka l-incident kollu billi ta fastidju lit-tfajla tal-imputat, certu Erika Aquilina.

Tenut ta' dawn il-fatti, il-Qorti ma tistax issib ebda htija fl-imputat, u ghalhekk sejra tilliberah minn dawn l-akkuzi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 339(1)(e), 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------